# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgah 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 34/02**

**Numru 49**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Ronald Azzopardi obo Sovereign Hotels**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Awtorita attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf sebgha mija sitta u tmenin liri Maltin(Lm1,786) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-Dokument anness mal-avviz u markat "A".

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Awtorita attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-13 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita attrici s-somma ta' Lm1786.00,0 bl-imghax legali mill-10 ta’Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur